**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 37/11VG**

**Francis Busuttil and Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Illum 10 ta' Ottubru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Francis Busuttil and Sons (Marketing) Limited fit-3 ta' Frar 2011, permezz ta' liema titlob li a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana avvanzata bl-Ittra Ufficjali datata 12 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Francis Busuttil and Sons (Marketing) Limited (C24137)" ghall-hlas tas-somma ta' elfejn seba' mija u erbatax-il Euro (€2,714) bhala hlas ta' dazju ta' importazzjoni fuq 1067 pakkett ta' *frozen cooked shrimps* permezz ta' dokument ta' importazzjoni numru TDID 2007600682290 datat 6 ta' Settembru 2007, hija nulla w infondata ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk mhux esegwibbli fil-konfront taghha, salv kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun, bl-ispejjez kontra l-Kontrollur tad-Dwana;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 4 sa' 6 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' liema jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li ghad illi l-prodotti esportati li l-origini tal-materja prima taghhom tkun mill-United Arab Emirates jikkwalifikaw ghal rata ta' dazju preferenzjali, liema rata preferenzjali però ma tapplikax ghal prodotti li l-origini tal-materja prima taghhom tkun mill-India, mill-informazzjoni li nghata mill-Awtorità Investigattiva Ewropea li investigat il-kaz odjern, irrizulta li c-Certifikat

mahrug a favur is-socjetà Rikorrenti bhala *General System of Preference* ghalkemm kien juri l-origini tal-prodott mill-United Arab Emirates, il-materja prima kienet torigina mill-India. Ghalhekk id-dikjarazzjoni maghmula u annessa mad-dokumenti prodotti mis-socjetà Rikorrenti, b'mod partikolari fir-rigward tac-Certifikat tal-*General System of Preference* mahrug mill-United Arab Emirates, ma huwiex validu u per konsegwenza s-socjetà Rikorrenti ghandha thallas id-dazju dovut bir-rata ta' 12% minflok li bir-rata preferenzjali ta' 4.2%;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kontrollur tad-Dwana markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 16 sa' 20 tal-process;

Semghet ix-xhieda ta' Anton Dalli moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Gunju 2011[1] u rat id-dokumenti esebiti minnu *animo ritirandi* markati Dok. "AD1" u Dok. "AD2" a fol. 27 u 28 tal-process, rat l-affidavit ta' Publius Bonnici u d-dokument Dok. "PB1" anness mieghu esebiti mill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' Nota ipprezentata fil-31 ta' Ottubru 2011 a fol. 32 sa' 41 tal-process u rat l-affidavit ta' Saviour Grima esebit mill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Novembru 2011 a fol. 42 u 43 tal-process, semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta' Saviour Grima[2] u Publius Bonnici[3] moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2011;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti a fol. 54 sa' 60 tal-process u rat in-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Dwana), già Kontrollur tad-Dwana, a fol. 62 sa' 67 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni, istitwiti a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjetà Rikorrenti titlob li l-Qorti tiddikjara li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), avvanzata bl-Ittra Ufficjali datata 12 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Francis Busuttil and Sons (Marketing) Limited (C24137)" ghall-hlas tas-somma ta' €2,714 bhala hlas ta' dazju ta' importazzjoni fuq 1067 pakkett ta' *frozen cooked shrimps* permezz ta' dokument ta' importazzjoni numru TDID 2007600682290 datat 6 ta' Settembru 2007, hija nulla w infondata ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk mhux esegwibbli fil-konfront taghha.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex skond ma jirrizulta mid-dokumentazzjoni moghtija lilha mill-kumpannija fornitrici, ossia Seville Products Limited, il-merci in kwistjoni originat mill-United Arab

[1] Fol. 29 u 30 tal-process.
[2] Fol. 47 u 48 tal-process.
[3] Fol. 49 u 50 tal-process.

Emirates u dana kif jirrizulta anke mic-*Certificate of Origin* u l-fattura relattiva. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha s-socjetà Rikorrenti tikkontendi ulterjorment illi l-kreditu pretiz mill-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), ma huwiex wiehed minn dawk cirkoskritti fl-Artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-Ittra Ufficjali datata 12 ta' Jannar 2011 hija nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi. In oltre tikkontendi wkoll li l-procedura wzata mill-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), fil-konfront taghha, ossia l-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex konsoni mad-drittijiet fondamentali taghha ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' smigh xieraq kif garantiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-Direttur Generali (Dwana) jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda stante li hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu ghad illi l-prodotti esportati li l-origini tal-materja prima taghhom tkun mill-United Arab Emirates jikkwalifikaw ghal rata ta' dazju preferenzjali, liema rata preferenzjali però ma tapplikax ghal prodotti li l-origini tal-materja prima taghhom tkun mill-India, mill-informazzjoni li nghata mill-Awtorità Investigattiva Ewropea li investigat il-kaz odjern, irrizulta li c-Certifikat mahrug a favur is-socjetà Rikorrenti bhala *General System of Preference* ghalkemm kien juri l-origini tal-prodott mill-United Arab Emirates, il-materja prima kienet torigina mill-India. Ghalhekk id-dikjarazzjoni maghmula u annessa mad-dokumenti prodotti mis-socjetà Rikorrenti, b'mod partikolari fir-rigward tac-Certifikat tal-*General System of Preference* mahrug mill-United Arab Emirates, ma huwiex validu u per konsegwenza s-socjetà Rikorrenti ghandha thallas id-dazju dovut bir-rata ta' 12% minflok li bir-rata preferenzjali ta' 4.2%.

Apparte minn hekk, fir-rigward tas-sottomissjonijiet dwar l-allegata nullità ta' l-Ittra Ufficjali datata 12 ta' Jannar 2011 u l-allegata vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' smigh xieraq tas-socjetà Rikorrenti bl-applikazzjoni tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, id-Direttur Generali (Dwana) jikkontendi li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti l-gbir ta' dazju ta' importazzjoni jaqa' entro l-parametri tal-krediti kontemplati fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u li fil-kaz in ezami ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tas-socjetà Rikorrenti, apparte l-fatt li qabel ma' l-istess socjetà tista' titlob xi rimedju straordinarju, hija ghandha l-ewwel tezawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli lilha.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel zewg kwistjonijiet li ghandhom jigu indirizzati huma dawk sollevati mis-socjetà Rikorrenti dwar l-allegata nullità ta' l-Ittra Ufficjali datata 12 ta' Jannar 2011 u dwar l-allegata vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq.

L-Artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, ossia fl-2011, kien jipprovdi li: *meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta jew rapprezentant tieghu jrid jagixxi ghall-hlas ta' kreditu li jkollu jiehu d-dipartiment li tieghu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tiehu xi amministrazzjoni ta' dak id-dipartiment dwar kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut...*

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li minn qari akkurat ta' l-imsemmi provvediment tal-Ligi jirrizulta li ma hemm *xejn li jghid li l-imsemmi artikolu 466 jista' jigi wzat f'kaz li l-kap ta' dipartiment tal-Gvern jrid jagixxi ghall-hlas ta' dazju. Bir-rispett kollu d-dicitura u l-possibilitajiet tal-artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li huma digà wiesghajn hafna, ma setghux u ma jistghux jigu estizi aktar milli hemm miktub iswed fuq l-abjad biex jigu applikati ghal dak li allegatament huwa dovut bhala dazju ... wara kollox, ubi lex voluit dixit ... u f'dan il-kaz kien appuntu l-allegat kreditur (cioè il-Gvern ta' Malta) li ghamel il-ligi in kwistjoni u ta l-privilegg hemm citat lilu innifsu. Li kieku l-Gvern ta' Malta xtaq li l-procedura privileggata citata fl-artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tkun tista' tigi applikata fil-kaz ta' dazju allura kellu u ghandu kull fakultà li jzid dik il-kelma (cioè "dazju") flimkien mal-krediti l-ohra li huma kollha citati fl-artikolu 466(1). Illi ghalhekk, la l-kreditu pretiz mill-intimat ma huwiex wiehed minn dawk cirkoskritti fil-precitat artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta allura il-precitata ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar 2011 ... huwa null ghall-finijiet u effetti kollha fil-ligi*[4].

Huwa evidenti li s-socjetà Rikorrenti tippretendi li l-Artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jinghata interpretazzjoni restrittiva u li konsegwentement huma biss dawk l-istanzi specifikatament hemm imsemmija li ghalihom ghandha tapplika l-procedura prevista fl-istess imsemmi artikolu. Din il-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti però hija guridikament zbaljata u bhala tali mhux sostenibbli.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Kummissarju ta' l-Artijiet v. LHP Limited, Citaz. Nru. 564/09** pronuncjata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Dicembru 2010, fejn inghad illi: *huwa veru li l-procedura taht l-artikolu 466 tal-Kap.12 hija procedura eccezzjonali. Izda wiehed irid jara l-lokuzzjoni preciza ta' l-istess artikolu, li jibda biex jitkellem dwar kap ta' dipartiment li jrid jagixxi ghall-hlas ta' kreditu li jkollu jiehu dipartiment. Certament li cens dovut jammonta ghal kreditu, u ma hemmx bzonn li jissemma specifikatament biex ikun applikabbli l-artikolu 466 fuq ammont ta' cens dovut lill-Kummissarju ta' l-Artijiet. Jizdied ukoll li hemm*

[4] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà RIkorrenti, fol. 56 tal-process.

*elenku ta' xi whud mill-kazijiet li jaghmlu car x'inhu applikabbli ghall-artikolu 466. L-istess artikolu jsemmi dritt jew taxxa ohra dovuta u ghalkemm hawnhekk qed jitkellem fuq taxxa, jidher car li l-legislatur ried jinkludi kull forma ta' kreditu b'mod li c-cens bhal kera ghandu jitqies li jaqa' taht dak imsemmi fl-artikolu 466. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni ferm restrittiva ta' l-artikolu 466 moghtija mis-socjetà LHP Limited.*

Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fit-3 ta' Frar 2012, fejn inghad illi *din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma taqbilx ma' l-argument ta' l-appellant.* ***L-Artikolu 466 hu wiesgha bizzejjed biex ikopri kull dritt jew taxxa ohra dovuti, li jfisser li l-istess artikolu jista' jintuza ghal kull tip ta' kreditu li jista' jkun dovut***[5]*. Fil-fatt, fil-kawza* ***Direttur Generali tax-Xoghlijiet v. Mousù****, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fl-20 ta' Ottubru 2003, intqal li dan l-artikolu hu tramandat minn certi disposizzjonijiet tal-Proklama numru 1 ta' l-1815 u jahseb "ghall-procedura specjali favur il-kapijiet dipartimentali tal-Gvern ghall-irkupru ta' flejjes dovuti lid-dipartimenti taghhom." Dan l-artikolu gie diversi drabi emendat, partikolarment bl-Att XXIV ta' l-1995, biex jaghmilha aktar possibbli ghad-debitur li jikkontesta l-pretensjoni tad-dipartiment koncernat.* ***L-iskop tieghu però, baqa' wiesgha b'mod li jkun jista' jintuza ghall-gbir ta' flejjes dovuti, hi x'inhi n-natura taghhom***[6].

Huwa evidenti ghalhekk li ai termini tal-gurisprudenza nostrali, il-procedura kontemplata fl-Artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tapplika meta Dipartiment tal-Gvern jrid jigbor flejjes dovuti lilu, tkun xi tkun in-natura ta' dawk il-flejjes. Fil-kaz in ezami ma ghandux ikun hemm dubju li dazji ta' importazzjoni jikkostitwixxu flejjes dovuti lill-Gvern ta' Malta u dana billi a tenur ta' l-Artikolu 4(1) ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, Kap. 337 tal-Ligijiet ta' Malta, *ghandhom jigu mitluba u migbura mill-Kummissarju f'isem il-Gvern id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna "Import Duty" tat-Tariffa tad-Dwana fuq l-oggetti kollha li ghandu jithallas fuqhom dawk id-dazji w enumerati fl-ewwel kolonna ta' dik it-Tariffa, li jkunu mkabbra, prodotti jew manifatturati f'pajjizi li ma jkunux dawk tal-Komunità u li jkunu importati f'Malta jew mahruga mid-depozt ghall-uzu jew konsum f'Malta.* In verità d-dazji ta' importazzjoni mhux biss jikkostitwixxu flejjes dovuti lill-Gvern ta' Malta izda jikkostitwixxu wkoll forma ta' taxxa li minflok ma' tigi kalkultata fuq l-individwu *per se*, tinhadem u tingabar vis-a-vis oggetti specifici importati fil-pajjiz.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li, kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, l-Ittra Ufficjali datata 12 ta' Jannar 2011

[5] Enfasi ta' din il-Qorti.
[6] Enfasi u sottolinear ta' din il-Qorti.

ipprezentata fil-konfront taghha mill-Kontrollur tad-Dwana ma hijiex nulla u bla effett fil-Ligi.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li *minghajr pregudizzju ghas-suespost* (ossia l-allegata nullità ta' l-Ittra Ufficjali datata 12 ta' Jannar 2011) *l-esponent jixtieq jilmenta li l-procedura wzata mill-intimat, cioè dik preskritta fl-artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex konsonanti mad-drittijiet fondamentali tas-socjetà esponenti ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' smigh xieraq hekk kif garantit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi dan qed jinghad ghaliex smigh xieraq jipprezumi li jigi applikat il-principju bazilari fil-ligi nostrali ta' onus porbanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat – u cioè li fil-kamp civili huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fit-talba gudizzjarja u li biex jirnexxi fit-talbiet tieghu huwa ghandu jipprova l-kaz tieghu ghas-sodisfazzjon tal-Qorti billi jseddaq certezza morali f'mohh il-gudikant li huwa ghandu ragun f'dak li qed jghid u f'li qed jitlob. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-oggezzjoni dwar il-validità tal-procedura wzata mill-Kontrollur tad-Dwana huwa appuntu sabiex ikun garantit smigh xieraq li s-socjetà esponenti tistqarr li din il-Qorti ghandha tibda fl-evalwazzjoni taghha tal-provi bil-presunzjoni li huwa l-Kontrollur tad-Dwana li ghandu jipprova l-kaz tieghu ghall-hlas ta' dazju addizzjonali u fin-nuqqas, tali talba ghandha tigi rigettata. Illi ghalhekk, bir-rispett kollu, il-Kontrollur tad-Dwana kellu jgib il-prova regina li l-gambli in kwistjoni kienu nqabbdu f'post barra mill-United Arab Emirates u li ghalhekk ir-rata preferenzjali ta' dazju ma kienx applikabbli ghalihom*[7].

Fil-fehma tal-Qorti s-socjetà Rikorrenti ma hijiex affattu cara f'dak li qed tipprova tissottometti fir-rigward ta' l-allegat ksur tad-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq. Ghalkemm tibda billi tallega li bil-procedura wzata fil-konfront taghha mill-Kontrollur tad-Dwana a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigi vvjolat id-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq, hija taghlaq l-argument taghha billi tistieden lill-Qorti tinverti l-oneru tal-prova minn fuqha ghal fuq id-Direttur Generali (Dwana) biex b'hekk donnu jigi evitat li fl-ahhar mill-ahhar tkun giet mcahhda mid-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq.

Jekk il-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti hija fis-sens illi l-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hija leziva tad-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq, jinghad illi din il-Qorti ma hijiex il-Qorti kompetenti biex tiddetermina tali kwistjoni[8]. Apparte minn hekk u fi kwalunkwe kaz, in verità f'dan l-istadju ma jistax jigi allegat li s-socjetà Rikorrenti giet mcahhda mid-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq, b'dana li lanqas hemm lok ghal referenza Kostituzzjonali da parte ta' din il-

[7] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti, fol. 56 u 57 tal-process.
[8] Artikolu 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4(1) u (2) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qorti[9], ghaliex huwa principju guridiku ormai assodat illi *biex jigi determinat kienx hemm jew le vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, il-valutazzjoni jew l-apprezzament ma ghandux isir fuq xi incident jew fattur izolat f'dawk il-proceduri, izda invece ghandu jsir fil-konfront tal-process kollu, fl-assjem tieghu. Dan ifisser ukoll li normalment u bhala linea di massima – l-apprezzament irid isir fil-konfront ta' l-istadji kollha tal-process billi difett li seta' okkorra fil-proceduri quddiem l-ewwel istanza jista' facilment jigi retifikat quddiem it-tieni istanza bil-mezz ordinarju ta' l-appell. Dan huwa hekk anke ghaliex, bhala norma, l-applikant huwa obbligat li jezawrixxi r-rimedji ordinarji qabel ma jghaddi biex jerzercita l-mezzi straordinarji ta' impunjazzjoni bazati fuq l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali. Jekk ma jaghmlux hekk, ikun qieghed jesponi ruhu ghall-possibilità moghtija lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili li taghzel li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha biex tassigura t-twettiq ta' l-istess drittijiet fundamentali, jekk hija tkun sodisfatt li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma, jew kienu, disponibbli favur l-applikant, skond il-ligi ordinarja*[10].

Fid-dawl ta' dan osservat ghalhekk il-Qorti tqis li f'dan l-istadju l-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti dwar l-allegat ksur tad-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq ma tistax u ma ghandhiex tigi kkunsidrata u konsegwentement determinata.

In kwantu rigwarda l-mertu tal-proceduri jigi osservat illi b'Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 12 ta' Jannar 2011[11], il-Kontrollur tad-Dwana interpella lis-socjetà Rikorrenti thallas is-somma ta' €2,714 rapprezentanti hlas ta' dazju ta' importazzjoni fuq 1067 pakkett ta' *frozen cooked shrimps* permezz ta' dokument ta' importazzjoni numru TDID 2007600682290 datat 6 ta' Settembru 2007. Jirrizulta li f'Settembru ta' l-2007 is-socjetà Rikorrenti kienet importat 1067 pakkett ta' *frozen cooked shrimps* li skond *Certificate of Origin* provdut lilha mill-fornitur taghha Seville Products Limited, socjetà estera sitwata fil-United Arab Emirates, dawn kienu joriginaw fil-United Arab Emirates[12]. Bhala fatt prodott originanti fil-United Arab Emirates igawdi minn rata preferenzjali ta' dazju meta importat fi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea w allura meta s-socjetà Rikorrenti importat tali prodott f'Malta hija hallset dazju bir-rata preferenzjali ta' 4.2% minflok bir-rata ta' 12%. Xi zmien wara li l-prodott gie importat, id-dazju bir-rata preferenzjali ta' 4.2% thallas u l-istess gie rilaxxat a favur is-socjetà Rikorrenti minghajr ebda problema jew incident, il-Kontrollur tad-Dwana rcieva kommunikazzjoni minghand l-OLAF, l-Agenzija ta' Kontra l-Frodi ta' l-Unjoni Ewropea, dwar investigazzjoni li kienet qed issir dwar *misdescription as to origin* ta' hut u gambli esportati mill-United Arab

[9] Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4(3) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.
[10] George sive Godwin Scicluna v. Avukat Generali et, Appell Nru. 463/94 deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003.
[11] Dok. "A" a fol. 4 tal-process.
[12] Dok. "AD1" a fol. 27 tal-process.

Emirates minn diversi socjetajiet, fosthom is-socjetà Seville Products Limited, indikati bhala origінanti mill-United Arab Emirates mentri in verità kienu originanti mill-Pakistan, Oman u l-India[13]. Jirrizulta wkoll li ufficjali mill-Post Clearance Audit Unit fi hdan id-Dipartiment tad-Dwana kienu talbu u ottjenew minghand is-socjetà Rikorrenti d-dokumentazzjoni dwar din il-konsenja partikolari ta' *frozen cooked shrimps* u ghaddewha lill-OLAF ghall-finijiet ta' l-investigazzjoni li kienet qed taghmel. Minn din l-investigazzjoni irrizulta li l-prodotti ta' gambli forniti mis-socjetà Seville Products Limited lis-socjetà Rikorrenti kienu originanti mill-India u mhux mill-United Arab Emirates. Il-konkluzzjoni raggunta mill-OLAF giet komunikata lis-socjetà Rikorrenti permezz ta' ittra datata 2 ta' Awwissu 2010[14] fejn Publius Bonnici ghall-Post Clearance Audit Unit tad-Dipartiment tad-Dwana gharrafha li *with reference to the subject in question* [GSP – Ref. 790 issued in Sharjah on 07.08.07 (UAE)] *the PCA Unit visited your company on the 18.03.2008 and collected the supporting documents pertaining to TDID 2007600682290 dated 06.09.07 for verification purposes. As a result of this visit of the joint EC/UAE mission of administrative co-operation to the processing plant and offices of the company Seville Products Limited and from statements made by authorised officers of the company it was established that all exports to the EU are produced from raw materials from EU-approved companies in India. Consequently, the GSP presented to Customs as per the aforesaid custom declaration are to be considered null and void. The attached Post Entry for the goods imported against the indicated custom declaration is being referred to your company for settlement.*

Nonostante l-fatt li s-socjetà Rikorrenti kienet ben konsapevoli tar-raguni ghalfejn il-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), qed jesigi minghandha l-hlas tas-somma ta' €2,714, ghal ragunijiet li taf hi biss, ghazlet li tibbaza l-kontestazzjoni taghha ghat-talba ghall-hlas da parte tal-Kontrollur tad-Dwana limitatament fuq l-informazzjoni li tidher fuq ic-*Certificate of Origin* in kwistjoni, il-validità ta' liema qed tigi kontestata mill-Kontrollur, u fuq ix-xhieda ta' Anton Dalli li ddikjara illi: *jiena nahdem bhala head of operations mas-socjetà rikorrenti. Ghall-habta ta' Awwissu 2008 is-socjetà rikorrenti kienet ordnat konsenja ta' frozen shrimps li suppost l-origini taghhom kienet mill-United Emirates. Ahna ghamilna d-due diligence taghna u giet ippreparata wkoll id-dokumentazzjoni relattiva. Id-dokumentazzjoni li giet ipprezentata ghall-finijiet tad-Dwana kienet turi bhala l-origini ta' din il-konsenja lil United Arab Emirates kif konna infurmati ahna mis-supplier taghna li wkoll ipprovdiena b'certificate of origin ittimbrat mic-Chamber of Commerce tal-United Arab Emirates. ... Mill-fattura li rcevejna minghand is-supplier taghna l-origini ta' din il-konsenja wkoll tidher illi hija wkoll il-United Arab Emirates. ... Meta saret l-ordni ghal din il-konsenja, is-socjetà rikorrenti ma kellha l-ebda forma ta' hjiel li fil-fatt din il-konsenja ta' shrimps torigina mill-United Arab Emirates.*

[13] Dok. "PB1" a fol. 35 sa' 41 tal-process.
[14] Dok. "D" fol. 20 tal-process.

*Apparti kollox, l-ewwelnett is-supplier taghna dejjem qalilna li qed joriginaw minn hemmhekk u anki d-dokumentazzjoni turi dan. Qed nigi mistoqsi jekk fil-United Arab Emirates jigux manifatturati shrimps u nghid li ladarba huma shrimps fejn hemm il-bahar dawn ser jirrizultaw. Mal-wasla tal-konsenja hawn Malta gie inspector tad-Dwana biex jispezzjona l-istess konsenja, liema spezzjoni kienet necessarja ghall-finijiet ta' release. Huwa ivverifika li din il-konsenja setghet tinbiegh hawn Malta. Id-dokumenti li jiena ghadni kif ghaddejt lill-Qorti, jigifieri Dok. AD1 u Dok. AD2, l-Ispettur tad-Dwana rahom u nghid li dan bilfors kellu jarahom. Fil-hin ta' l-ispezzjoni, l-Ispettur tad-Dwana ma qal assolutament xejn dwar il-fatt illi l-konsenja tas-shrimps fil-fatt ma kienetx torigina mill-United Arab Emirates. Bhala fatt il-konsenja giet rilaxxata u giet dikjarata min-naha taghna fis-sistema normali tad-Dwana. Irrid inzid li ladarba ahna ddikjarajna li din il-konsenja kienet gejja mill-United Arab Emirates, id-dazju li nhadem kien proprju jirrifletti dan il-fatt. Kieku l-konsenja ad ezempju kienet gejja minn x'imkien iehor, id-dazju kien ikun differenti. Ir-rata ta' dazju ghal prodotti li joriginaw mill-United Arab Emirates kienet irhas f'dan il-kaz u dana minhabba certi ftehim u arrangamenti li hemm bejn l-Unjoni Ewropeja u certi pajjizi ohra li fosthom hemm il-United Arab Emirates. … Qed nigi mistoqsi kieku kien hemm xi problema, il-konsenja kenitx tigi rilaxxata, nghid li kieku kien hemm din il-problema, il-konsenja ma kienetx tigi rilaxxata*[15].

B'zieda mal-provi minnha prodotti, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha s-socjetà Rikorrenti tikkontendi li *f'liema forma kellha tingieb l-imsemmija prova?* – ossia l-prova li l-gambli in kwistjoni ma kienux joriginaw mill-United Arab Emirates – *Certament bir-rispett kollu, il-prova li l-gambli in kwistjoni kienu nqabbdu f'post barra mill-United Arab Emirates kien jispetta lill-Kontrollur tad-Dwana u ma setghetx tingieb permezz tar-rapprezentanti tal-Kontrollur tad-Dwana sakemm ma kienux huma stess li kienu vverifikaw minn rajhom l-origini attwali ta' l-imsemmija gambli. Illi fil-fatt, kontro-ezaminat, ix-xhud tal-Kontrollur tad-Dwana s-Sur Publius Farrugia* [recte:Bonnici] *stqarr: "Ahna strihajna fuq investigazzjonijiet tal-Olaf u m'ghamilniex investigazzjonijiet ulterjuri da parti. Skond l-investigazzjonijiet ta' l-Olaf irrizulta li c-certifikat li gie ipprezentat mis-socjetà rikorrenti ma kienx validu w allura l-beneficcju tad-dazju li kienet hadet originarjament is-socjetà ma setghatx tkompli tibbenefika minnha". Effettivament kieku l-Kontrollur tad-Dwana kellu xi diffikultà dwar id-dokumenti li kienu gew ipprezentati lilu allura kellhom jsiru l-verifiki a tempo debito, u cioè meta l-gambli wasslu Malta u dana sabiex ma tigix ppregudikata bla bzonn is-socjetà esponenti u tali verifiki kellhom jikkomprendu dettalji importanti dwar l-origini attwali tal-gambli. Dan qed jinghad ghaliex kienu biss il-gambli nfushom li setghu forsi jixhtu dawl fuq jekk kienux provenjenti jew le mill-United Arab Emirates jew mill-India jew minn xi pajjiz iehor li jmiss mal-bahar. Illi skond kif xehed Anton Dalli – il-Head of Operations tas-*

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, fol. 29 u 30 tal-process.

*socjetà esponenti – ma gara xejn minn dan, anzi d-dokumentazzjoni kollha moghtija mis-socjetà esponenti giet accettata mill-Kontrollur tad-Dwana u sahansitra l-Inspector tad-Dwana awtorizza r-rilaxx ta' l-imsemmija gambli mid-dwana. Illi di più jekk kien il-kaz li xi persuna impjegata ma' Olaf kien investiga l-kaz u sab li l-gambli in kwistjoni kienu inqabbdu minn dghajjes Indjani allura kien immissu xehed fl-atti ta' din il-kawza. Illi l-provi kollha migjuba mill-Kontrollur huma, bir-rispett kollu, kaz car u klassiku ta' detto del detto, ossia "hearsay evidence". Kif inhu stabbilit fl-artikolu 598 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhala regola, il-qorti ma tiehux qies ta' xhieda dwar fatti li x-xhud ighid li gie jafhom minghand haddiehor jew li qalhom haddiehor li jista' jingieb biex jaghti xiehda fuq dawk il-fatti. Illi di pju, issa qed jigi pretiz li s-socjetà esponenti tiehu bhala benfatt dawk l-allegazzjonijiet maghmula mill-ufficjal ta' l-agenzija Olaf u wara li lanqas biss kellha l-fakoltà li tikkontro-ezamina l-ufficcjali ta' l-istess agenzija Olaf – haga li zgur tmur kontra d-dritt fundamentali tas-socjetà esponenti ghal smigh xieraq!*[16].

Fil-fehma tal-Qorti s-sottomissjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet avvanzati mis-socjetà Rikorrenti ma humiex guridikament validi u per konsegwenza ma humiex sostenibbli.

Jibda biex jinghad illi l-imsemmija socjetà qed tinjora zewg fatturi fondamentali u centrali ghall-kaz in ezami.

Fl-ewwel lok l-fatt li originarjament il-prodott minnha importat mill-United Arab Emirates gie rilaxxat mill-Kontrollur tad-Dwana versu rata ta' dazju preferenzjali a bazi tad-dokumenti minnha prodotti, ma jfissirx li ma tkunx tista' ssir investigazzjoni jew verifika dwar il-validità jew korrettezza ta' tali dokumentazzjoni in segwitu ghar-rilaxx tal-merkanzija importata jekk tinqala' il-htiega ta' tali investigazzjoni jew verifika u li in segwitu ma tkunx tista' tittiehed azzjoni jekk din tirrizulta mehtiega minn tali investigazzjoni jew verifika. Din is-setgha jew ahjar dover tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana) tirrizulta mill-Artikolu 11(2) u (3) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta: *l-awtoritajiet tad-dwana jistghu <u>wara li jirrilaxxaw l-oggetti u biex jissodisfaw ruhhom dwar il-korrettezza tal-partikolaritajiet li jkun hemm fid-dikjarazzjoni</u>[17], jispezzjonaw id-dokumenti u t-taghrif kummercjali relatati ma' l-operazzjonijiet ta' importazzjoni w esportazzjoni ta' l-oggetti koncernati jew ma' operazzjonijiet kummercjali sussegwenti li jinvolvu dawk l-oggetti. Dawk l-ispezzjonijiet jistghu jsiru fil-bini tad-dikjarant, ta' xi persuna ohra li tkun direttament jew indirettament imdahhla f'dawk l-operazzjonijiet f'kapacità ta' negozju jew ta' xi persuna ohra li jkollha fil-pussess taghha dawk id-dokumenti u taghrif ghal skopijiet ta' negozju. Dawk l-awtoritajiet jistghu wkoll jezaminaw l-oggetti meta jkun ghadu possibbli li dawn jingiebu ghall-ezami. (3) Fejn ir-revizjoni tad-*

[16] Fol. 57 u 58 tal-process.
[17] Sottolinear tal-Qorti.

*dikjarazzjoni jew l-ezami ta' wara r-rilaxx ikunu jindikaw illi d-disposizzjonijiet li jirregolaw il-procedura tad-dwana relattiva kienu gew applikati fuq bazi ta' informazzjoni mhux korretta jew shiha, l-awtoritaijiet tad-dwana ghandhom, skond il-provvedimenti stabbiliti, jiehdu l-mizuri mehtiega biex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni, filwaqt li jqisu dik l-informazzjoni gdida li tkun giet f'idejhom.*

Fit-tieni lok il-Kontrollur tad-Dwana qed jagixxi fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti a bazi ta' konkluzzjonijiet raggunti mill-OLAF, ossia mill-Agenzija ta' kontra il-Frodi ta' l-Unjoni Ewropea, u mhux in bazi ghall-konkluzzjonijiet ta' xi investigazzjoni kondotta b'mod superficjali jew frivolu, fatt dan li kien maghruf lis-socjetà Rikorrenti li biss biss bl-ittra datata 2 ta' Awwissu 2010 giet infurmata mill-Post Clearance Audit Unit illi *as a result of the visit of the joint EC/UAE missions of administrative co-operation to the processing plant and offices of the company Seville Products Limited and from statements made by authorised officers of the company it was established that all exports to the EU are produced from raw materials from EU-approved companies in India.*

Minn dan jirrizulta b'mod car li d-Direttur Generali (Dwana) mhux qed jibbaza l-kaz tieghu fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti fuq mera *hearsay evidence* izda fuq konkluzzjonijiet ufficjali ta' l-OLAF. Fid-dawl ta' tali fatt ghalhekk dak affermat mill-Ufficjali tad-Dipartiment tad-Dwana li xehedu f'dawn il-proceduri, ossia Publius Bonnici u Saviour Grima, dwar il-konkluzzjonijiet ta' l-investigazzjoni in kwistjoni jikkostitwixxu prova sodisfacenti ghall-finijiet ta' dan il-kaz.

In effetti l-Qorti tqis li l-ittra tat-2 ta' Awwisu 2010[18] flimkien mad-dokument Dok. "PB1" esebit minn Publius Bonnici flimkien ma' l-affidavit tieghu[19], jikkostitwixxu prova sodisfacenti, salv prova kuntrarja (li però f'dan il-kaz ma saritx), li l-origini tal-prodott importat mis-socjetà Rikorrenti tramite Seville Products Limited ma kenitx il-United Arab Emirates u per konsegwenza l-istess socjetà ma tistax tibbenefika mir-rata ta' dazju preferenzjali ta' 4.2%. Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Scicluna et v. Grezzju Ciantar et, Appell Nru. 1033/93** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004, fejn gie osservat illi: *indubbjament meta annotazzjoni f'dokument tkun tinkorpora dikjarazzjoni li tistabilixxi certi fattijiet l-Qrati dejjem ikkonsidraw dak id-dokument bhala ammissibbli u li jaghmel prova legali tal-kontenut tieghu salv prova kuntrarja. Dan wara kollox hu hekk dettat mill-Artikolu 627 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Huwa biss jekk il-Qorti tkun tal-fehma, jew ikollha xi dubju, illi ma taccettax il-fatti kontenuti fih bhala l-ahjar prova illi hi kellha d-dritt, in forza ta' l-Artikolu 559 tal-Kap.12, li tesigi li tingieb dejjem l-ahjar prova. Fil-kaz in disamina l-ewwel Qorti sabet li l-fatti kienu sew provati ghas-*

[18] Dok. "D" a fol. 20 tal-process.
[19] Fol. 35 sa' 41 tal-process.

*sodisfazzjoni taghha u sabetx li kellha ghalfejn titlob prova ahjar biex tapprezza l-fatti in kawza. Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma' l-argoment ta' l-appellanti illi x-xhieda ta' Alfred Farrugia kienet tikkostitwixxi prova fuq kliem haddiehor u ghalhekk ma kellhiex tinghata importanza. Ibda biex dan ix-xhud iddikjara dak li kien jidher ovvju mir-records tad-Dipartiment... Fit-tieni lok f'materja bhal din il-'hearsay evidence' kienet f'kull kaz permissibbli billi kif jinsab dettat fl-Artikolu 599 tal-Kap.12 il-Qorti tista' skond ic-cirkustanzi tippermetti xhieda fuq kliem haddiehor meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawza jew ikun jaghmel parti mill-meritu, inkella dan haddiehor ma jkunx jista' jingieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistghu jigu ppruvati sewwa xort' ohra.*

Apparte dan appena osservat, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li ghad illi s-socjetà Rikorrenti setghet, kieku riedet, facilment tressaq bhala xhieda lir-rapprezentanti ta' Seville Products Limited biex jirrespingu l-allegazzjonijiet li l-OLAF u l-Kontrollur tad-Dwana qed jaghmlu fil-konfront ta' l-isemmija socjetà u minflok jikkonfermaw il-validità u korrettezza ta' dak dikjarat fic-Certificate Origin mahrug a favur is-socjetà Rikorrenti, ghal ragunijiet li taf hi biss dan ma ghamlitux. Jigi ulterjorment osservat illi s-socjetà Rikorrenti kellha kull dritt, kieku riedet, li tesigi mhux biss li jigi esebit ir-rapport ta' l-OLAF rigwardanti l-kaz pertinenti ghaliha izda li tesigi ukoll li l-ufficjali ta' l-OLAF jidhru quddiem il-Qorti biex jixhdu dwar l-investigazzjoni u konkluzzjonijiet taghhom, izda hija ghazlet li tali dritt ma tezercitahx. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk hija s-socjetà Rikorrenti li ma ressqitx provi li sodisfacentement jirrespingu u jikkontradicu dak affermat u konsegwentement pretiz mid-Direttur Generali (Dwana) fil-konfront taghha.

Apparte l-fatt li l-provi mressqa mis-socjetà Rikorrenti ma humiex sodisfacenti biex jghelbu l-pretensjonijiet tad-Direttur Generali (Dwana) fil-konfront taghha, jigi osservat li anke l-interpretazzjoni li hija taghti ta' l-Artikolu 23 ta' Council Regulation (EEC) No. 2913/92 of the 12th October 1992 Establishing the Community Customs Code ma hijiex affattu korretta. Wara li iccitat il-parti rilevanti ta' l-imsemmi artikolu tal-Council Regulation is-socjetà Rikorrenti ghamlet is-segwenti osservazzjoni: *tenut kont tal-paragrafi precitati ta' l-imsemmi Regulation 2913/92 jirrizulta l-possibilità li ghalkemm id-dghajsa li taqbad il-hut (f'dan il-kaz gambli) ma tkunx registrata fil-United Arab Emirates, gambli li jinqabdu go l-ibhra territorjali ta' dak il-pajjiz fuq tali dghajsa xorta wahda jigu li jibbenefikaw mir-rata ta' dazju preferenzjali*[20]. Huwa evidenti li s-socjetà Rikorrenti qed taghmel forma ta' process ta' eliminazzjoni fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 23 tal-Council Regulation, fis-sens li dak mhux hemm imsemmi per konsegwenza japplika. Din l-interpretazzjoni però hija ghal kollox zbaljata ghaliex l-elenku fl-Artikolu 23(2) huwa wiehed *exhaustive*, u dana kif jirrizulta b'mod car mis-subartikolu

[20] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti, fol. 59 tal-process.

(1) li jipprovdi *goods originating in a country* ***shall***[21] *be those wholly obtained or produced in that country,* u dak li ma jissemmiex fih ma jistax jitqies li jaqa' taht it-tifsira ta' *goods wholly obtained in a country*.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba tas-socjetà Rikorrenti ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba avvanzata mis-socjetà Rikorrenti bir-Rikors ipprezentat fit-3 ta' Frar 2011.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[21] Enfasi tal-Qorti.